**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Drogi 1/01</u>***

***Pulizija***
***Sp. Josric Mifsud***
***vs***
***Andre Buhagiar***

Illum 6 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali** tal-cannabis, <u>aggravat</u> kemm bl-intenzjoni kif ukoll bid-distanza; u **Traffikar** tal-istess droga – refferibbilment ghat-13 ta' Dicembru 2000 u f' dawn l-ahhar xhur qabel din id-data.

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-13 ta' Dicembru 2000 waqt tficcija li l-pulizija ghamlet fl-inhawi tal-Bajja ta' San Tumas, hija arrestat persuni supsettati li kienu qed jabbuzaw mid-droga. Fost dawn in-nies il-pulizija arrestat lill-imputat li dak in-nhar kellu fil-pussess tieghu blokka zghira kannella suspettata li kienet raza tal-cannabis.

Illi l-imputat ikkoopera pienament mal-pulizija u fi stqarrija guramentata huwa ammetta li kien ilu jabbuza bid-droga bil-konsum ghal din l-ahhar sena mill-imsemmija data u li kien jixtriha minghand persuna indikata minnu. Sussegwentement huwa beda jbigh ir-raza tal-cannabis ghan-nom ta' dan l-individwu sabiex jakkwista d-droga li kellu bzonn b' xejn. L-imputat sostna li dan l-individwu qatt ma kien jghatih flus, izda kien jghatih *"bicca resina ghalija biex inkun nista' npejjep b' xejn" (dok.AG fol.8).* Huwa qal li kien ilu sejjer b' din l-attivita' kriminuza ghal madwar xahar.

Illi fid-deposizjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-imputat, filwaqt li kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, qal li kien ibigh ir-raza hdejn il-bandli ta' Hal Luqa.

Illi l-Qorti tosserva li mill-kwadru premess jikkonfiguraw ir-reati fuq indikati, l-ewwel akkuza hija assorbita fit-tieni wahda.

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti tosserva li l-azzjoni kriminuza tal-imputat tikkostitwixxi reat serju u certament timmerita piena karcerarja adegwata sabiex isservi bhala deterrent, minn naha l-ohra jesistu tlett fatturi li jimmitigaw il-piena:

1. Il-**fedina penali** nadifa;

2. Il-fatt li l-origini tal-komportament kriminuz jinsab fil-**vizzju**, izjed milli fi skop ta' lukru;

3. Il-fatt li l-imputat **ikkoopera pienament** mal-pulizija u taghhom informazzjoni guramentata li certament ghandha tghin lill-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, u li timmerita diminuzzjoni fil-piena ai termini tal-artikolu 29 tal-Kap.101

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap.9, u l-Artikolu 8 u 22 (2)(b)(I) u t-tieni proviso tal-istess Artikolu tal-Kap.101, u r-regolament 8 tal-GN 292/39 u tikkundannah ghall-***piena ta' disa xhur prigunerija u hlas ta' multa ta' erba mitt lira maltin (LM400).***

Illi fuq talba tal-imputat, il-Qorti tirrakkomanda li l-imputat jigi kkonsidrat posittivament ghall-programm SATU.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-dok.JM1 a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***